

32007R0142

15.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 43/11

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 142/2007**tal-14 ta' Frar 2007**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1610/2006 li jidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 327/1998 u tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 dwar xi liċenzji tal-importazzjoni, li ħarġu għaż-żmien ta' Lulju 2006, fil-qafas tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet iddikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6¹ (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross², u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1610/2006³, il-validità tal-liċenzji li ħarġu għall-importazzjoni tar-ross mingħajr il-qoxra ta' barra, ross imqaxxar jew nofsu mqaxxar għall-perjodu ta' Lulju 2006 ta' xi kwoti ta' importazzjonijiet miftuħin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 tal-10 ta' Frar 1998 li jipprovdi ftuħ u metodu ta' ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji ta' importazzjoni ta' ross u ta' ross miksur⁴, b'talba tal-operaturi kkonċernati, ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2006. L-użu ta' dawn il-liċenzji, f'ċerti każi, ġie ffaċilitat ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-orijini u l-kodiċi NM tar-ross importat.
- (2) Minkejja d-dispożizzjonijiet inkwistjoni, ċerti liċenzji tal-importazzjoni ma setgħux jintużaw matul il-perjodu ta' validità tagħhom minħabba xi tfixkil fil-proċess ta'

¹ ĠU L 146, 20. 6. 1996, p. 1.

² ĠU L 270, 21.10.2003, p.96. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 797/2006. (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).

³ ĠU L 299, 28.10.2006, p. 11.

⁴ ĠU L 37, 11.2.1998, p.5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2019/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 48).

importazzjoni tar-ross fil-Komunità, b'mod partikolari, minħabba l-preżenza fuq is-suq Amerikan ta' ross ikkontaminat minn ross ġenetikament immodifikat u xi riskji ta' twaqqif tal-importazzjonijiet li ġejjin minn dan. Għalhekk, minħabba dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, jeħtieġ li tingħata l-possibbiltà lill-Istati Membri li jidderogaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli⁵ u tiġi liberalizzata, minn każ għal każ, il-garanzija magħmula mill-operaturi meta jiġu rispettati ċerti kundizzjonijiet.

- (3) Jeħtieġ ukoll li jingħata l-permess lill-Istati Membri li jagħtu lura lill-operaturi kkonċernati l-liċenzji tal-esportazzjoni li ġew ippreżentati bħala appoġġ għar-rikjesta tal-liċenzja tal-importazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 327/98.
- (4) Għalhekk għandu jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1610/2006.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1610/2006 huwa emendat kif ġej:

- a) L-Artikolu 2a li ġej huwa miżjud:

“ Artikolu 2a

1. B'deroga għall-Artikolu 35(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, l-Istati Membri jistgħu jilliberalizzaw, wara analiżi ta' każ b'każ, il-garanzija stabbilita fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 327/98 dwar il-liċenzji ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament li ma ntużawx qabel l-għeluq tal-perjodu ta' validità tagħhom, bil-kundizzjoni li:

- a) id-detentur tal-liċenzja ta' importazzjoni jagħti lura l-liċenzja jew liċenzji ta' importazzjoni li ma ntużawx lill-awtoritajiet kompetenti u jitlob għall-liberalizzazzjoni tal-garanzija relatata,

- b) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkollhom elementi biżżejjed biex ikunu jistgħu jistabbilixxu li l-importatur ikkonċernat aġixxa bi skop tajjeb u uża l-mezzi kollha raġonevolment disponibbli biex juża l-liċenzja jew liċenzji ta' importazzjoni matul il-perjodu ta' validità tagħhom.

⁵ ĠU L 152, 24.6.2000, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1282/2006 (ĠU L 234, 29.8.2006, p.4)

2. L-oriġinali tal-liċenzja ta' esportazzjoni, li kien dokument ta' appoġġ għat-talba għal liċenzja ta' importazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 327/98, jingħata lura lid-detentur tal-liċenzja ta' importazzjoni li għaliha ġiet liberalizzata il-garanzija skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.”

b) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

- “3. L-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2007, b'mezz elettroniku, in-numru tal-liċenzja jew liċenzji ta' importazzjoni li ma ntużawx, li għalihom ġiet liberalizzata l-garanzija b'konformità mal-Artikolu 2a, kif ukoll il-kwantitajiet (tunnellati) ta' prodotti kkonċernati għal kull kodiċi tan-nomenklatura magħquda (kodiċi NM).”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni